# L-AKKADEMJA TAL-MALTI

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**L-Akkademja tal-Malti fuq il-kwistjoni bejn l-għalliema tal-Malti u l-Ministeru tal-Edukazzjoni**

L-Akkademja tal-Malti turi d-dispjaċir tagħha li l-kwistjoni bejn l-għalliema tal-Malti u l-Ministeru tal-Edukazzjoni ma ngħalqitx, bir-riżultat li hemm inċertezzi fuq l-eżamijiet annwali tal-Malti fl-iskejjel statali medji u sekondarji. L-Akkademja tinnota li fil-kwistjoni hemm ukoll l-għalliema tal-Matematika u l-eżamijiet ta' dan is-suġġett.

L-Akkademja temmen fix-xogħol imprezzabbli li jagħmlu l-għalliema tal-Malti u tħeġġeġ lill-awtoritajiet biex isibu soluzzjonijiet meħtieġa malajr kemm jista' jkun biex ħwejjeġ bħal dawn ma jerġgħux iseħħu.

Sergio Grech
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi

07.06.2019

---

President – Prof. Albert Borg | Viċi President – David Agius Muscat | Segretarju – Joseph P. Borg | Teżoriera – Phyllis Debono
Assistent Segretarju – Reno Fenech | Assistenta Teżoriera – Ann Marie Schembri
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi – Sergio Grech
Membri – Charles Casha, Dr George Farrugia, Rita Saliba, Dr Olvin Vella